Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fit-28 ta' Lulju 2016[1]

**Kawża C-316/15**

**Timothy Martin Hemming, li jaġixxi taħt l-isem kummerċjali "Simply Pleasure Ltd",**
**James Alan Poulton,**
**Harmony Ltd,**
**Gatisle Ltd, li taġixxi taħt l-isem "Janus",**
**Winart Publications Ltd,**
**Darker Enterprises Ltd,**
**Swish Publications Ltd**
**vs**
**Westminster City Council**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Proċeduri ta' awtorizzazzjoni — Kunċett ta' 'spiża li [jistgħu] jeħlu'"

## I – **Introduzzjoni**

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel opportunità li tinterpreta l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern[2] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar is-servizzi"). Hija tirrigwarda l-ħlas ta' tariffa għall-għoti jew it-tiġdid ta' liċenzja ta' "stabbiliment tas-sess"[3] fit-territorju tas-City of Westminster f'Londra (Ir-Renju Unit), liema tariffa hija maqsuma f'żewġ partijiet, waħda konnessa mal-amministrazzjoni tal-applikazzjoni u li ma hijiex rimborsabbli fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda u l-oħra (ferm iktar importanti) konnessa mal-ġestjoni tas-sistema ta' liċenzjar u li tista' tingħabar lura jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

2. Il-kwistjoni fil-qalba ta' din il-kawża hija essenzjalment dwar jekk ir-rekwiżit ta' ħlas tat-tieni parti ta' din it-tariffa huwiex konformi mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi. F'dan is-sens, il-kawża taqbeż il-limiti stretti tal-għoti u tat-tiġdid ta' liċenzji ta' operat ta' sex-shops, li joħroġ mill-fatt li diversi assoċjazzjonijiet professjonali, bħal pereżempju dik tal-avukati u tal-periti, intervjenew fil-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU 2006 L 376, p. 36.

3 — Il-kunċett ta' "stabbiliment tas-sess" ("*sex establishment*") fid-dritt Ingliż jinkludi kemm iċ-ċinema porno ("*sex cinemas*") kif ukoll is-sex-shops. Sabiex nissimplifika l-affarijiet, peress li din il-kawża tirrigwarda biss id-detenturi ta' liċenzji ta' operat ta' sex-shops, jiena ser nirreferi biss għal dawn it-termini f'dawn il-konklużjonijiet.

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

3. Fil-Kapitolu I tagħha, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", id-Direttiva dwar is-servizzi tipprovdi:

*"Artikolu 1*

Suġġett

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali li jħaffu l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment għall-fornituri tas-servizzi u l-moviment liberu tas-servizzi, filwaqt li tinżamm kwalità għolja tas-servizzi.

[…]

*Artikolu 2*

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal servizzi pprovduti mill-fornituri stabbiliti fi Stat Membru.

[…]

*Artikolu 4*

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

6) 'skema ta' awtorizzazzjoni' tfisser kull proċedura li fiha kull fornitur jew riċevitur hu tabilħaqq meħtieġ jieħu passi sabiex jikseb deċiżjoni formali minn awtorità kompetenti, jew deċiżjoni impliċita, rigward l-aċċess għal attività ta' servizz jew għall-eżerċizzju tagħha;

7) 'rekwiżit' tfisser kwalunkwe obbligu, projbizzjoni, kondizzjoni jew limitu stipulat fil-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri jew bħala riżultat tal-każistika, il-prattika amministrattiva, ir-regoli ta' korpi professjonali, jew ir-regoli kollettivi ta' assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet professjonali oħrajn, adottati fl-eżerċizzju ta' l-awtonomija legali tagħhom; regoli stabbiliti fil-ftehim kollettivi negozjati mill-imsieħba soċjali ma għandhomx jidhru bħala rekwiżiti fit-tifsira ta' din id-Direttiva;

8) 'ir-raġunijiet l-aktar importanti dwar l-interess pubbliku' tfisser ir-raġunijiet irrikonoxxuti bħala tali fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, inklużi dawn is-suġġetti li ġejjin: politika pubblika, sigurtà pubblika; saħħa pubblika; il-preservazzjoni tal-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali; il-protezzjoni tal-konsumatur; riċevituri ta' servizzi u ħaddiema; l-ekwità fi transazzjonijiet kummerċjali; il-ġlieda kontra l-frodi; il-protezzjoni ta' l-ambjent u ta' l-ambjent urban; is-saħħa ta' l-annimali; il-proprjetà intellettwali; il-konservazzjoni tal-wirt storiku u artistiku nazzjonali; l-objettivi tal-politika soċjali u l-objettivi tal-politika kulturali;

[…]"

4. It-Taqsima 1, intitolata "Awtorizzazzjonijiet", tal-Kapitolu III, intitolat "Libertà għall-istabbiliment ta' fornituri", tad-Direttiva dwar is-servizzi tipprovdi:

*"Artikolu 9*

Skemi ta' awtorizzazzjoni

1. L-Istati Membri m'għandhomx jissoġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha għal skema ta' awtorizzazzjoni ħlief jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-iskema ta' awtorizzazzjoni ma tiddiskriminax kontra l-fornitur ikkonċernat;

(b) il-ħtieġa għal skema ta' awtorizzazzjoni hi ġġustifikata minn raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

(ċ) l-objettiv segwit ma jistax jinkiseb b'mezzi inqas ristrettivi, b'mod partikolari peress li spezzjoni a posteriori isseħħ tard wisq biex tkun ġenwinament effettiv[a].

[…]

*Artikolu 11*

Perjodu ta' awtorizzazzjoni

1. Awtorizzazzjoni mogħtija lil fornitur m'għandhiex tkun għal perjodu limitat, ħlief fejn:

(a) l-awtorizzazzjoni tiġġedded awtomatikament jew hi soġġetta biss għat-twettiq kontinwu tar-rekwiżiti;

(b) in-numru ta' awtorizzazzjonijiet disponibbli hu limitat b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

jew

(ċ) perjodu limitat ta' awtorizzazzjoni jista' jkun ġustifikat minn raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku.

[…]

*Artikolu 13*

Proċeduri ta' awtorizzazzjoni

1. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jkunu ċari, ikunu disponibbli għall-pubbliku minn qabel u jkunu tali li jipprovdu lill-applikanti b'garanzija li l-applikazzjoni tagħhom tkun indirizzata b'mod oġġettiv u imparzjali.

2. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni m'għandhomx ikunu dissważivi u m'għandhomx jikkomplikaw mingħajr bżonn jew idewwmu il-provvista tas-servizz. Huma għandhom ikunu aċċessibbli faċilment u kwalunkwe spiża li l-applikanti jeħlu mill-applikazzjoni tagħhom għandha tkun raġonevoli u proporzjonata għan-nefqa tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni konċernati u m'għandhiex taqbeż n-nefqa tal-proċeduri.

[…]"

5. It-Taqsima 1, intitolata "Libertà tal-provvista ta' servizzi [Libertà li jiġu pprovduti servizzi] u derogi relatati", tal-Kapitolu IV, intitolat "Moviment liberu ta' servizzi", tad-Direttiva dwar is-servizzi tipprovdi:

*"Artikolu 16*

Libertà tal-provvista ta' servizzi [Libertà li jiġu pprovduti servizzi]

1. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt tal-fornituri li jfornu servizzi fi Stat Membru ieħor għajr dak fejn huma stabbiliti.

L-Istat Membru fejn ġie provdut is-servizz għandu jiżgura aċċess liberu u eżerċizzju liberu ta' attività ta' servizz fi ħdan it-territorju tiegħu.L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz fit-territorju tagħhom soġġett għal konformità ma' xi rekwiżit li ma jirrispettax il-prinċipji li ġejjin:

(a) non-diskriminazzjoni: ir-rekwiżit m'għandux ikun diskriminatorju la direttament lanqas indirettament fir-rigward tan-nazzjonalità jew, f'każ ta' persuni ġuridiċi, fir-rigward ta' l-Istat Membru fejn huma stabbiliti,

(b) bżonn: il-bżonn għandu jkun ġusitifikat għal raġunijiet tal-politika pubblika, is-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika jew il-protezzjoni ta' l-ambjent,

(ċ) proporzjonalità: ir-rekwiżit għandu jkun adatt biex jikseb l-objettivi mfittxa, u m'għandux imur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-objettiv.

[…]

3. L-Istat Membru fejn il-fornitur imur m'għandux ikun imxekkel milli jimponi rekwiżiti fir-rigward tal-provvista ta' attività ta' servizz, fejn ikunu ġustifikati minħabba raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika, saħħa pubblika jew il-protezzjoni ta' l-ambjent u skond il-paragrafu 1. Dak l-Istat Membru lanqas m'għandu jkun imxekkel milli japplika, bi qbil mal-liġi [tal-Unjoni], ir-regoli tiegħu dwar il-kondizzjonijiet ta' impjieg, inklużi dawk stabbiliti fi ftehim kollettiv.

[…]"

B – *Id-dritt tar-Renju Unit*

6. Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ittraspona d-Direttiva dwar is-servizzi fid-dritt intern tiegħu permezz tal-Provision of Services Regulations 2009 (SI 2009/2999) [Regolament dwar il-provvista ta' servizzi tal-2009, iktar 'il quddiem ir-"Regolament tal-2009)"].

7. Ir-Regola 4 ta' dan ir-regolament tiddefinixxi l-frażi "skema ta' awtorizzazzjoni" bħala "kull arranġament li għandu l-effett li jobbliga l-fornitur jew id-destinatarju ta' servizz jikseb l-awtorizzazzjoni ta' awtorità kompetenti jew li jinnotifika awtorità kompetenti sabiex ikollu aċċess għal attività ta' servizz jew sabiex jeżerċitaha".

8. Ir-Regola 18(2) sa (4) ta' dan ir-regolament tipprovdi:"(2) Il-proċeduri u l-formalitajiet previsti minn awtorità kompetenti skont skema ta' awtorizzazzjoni ma għandhomx

(a) ikunu dissważivi, u

(b) jikkomplikaw mingħajr bżonn jew idewmu l-provvista tas-servizz.

(3) Il-proċeduri u formalitajiet previsti minn awtorità kompetenti skont skema ta' awtorizzazzjoni għandhom ikunu faċilment aċċessibbli.

(4) Kwalunkwe spiża prevista minn awtorità kompetenti li tista' tirriżulta minn skema ta' applikazzjoni fuq l-applikanti għandha tkun raġonevoli u proporzjonata għan-nefqa tal-proċeduri u formalitajiet ta' awtorizzazzjoni skont l-iskema u m'għandhiex taqbeż in-nefqa tal-proċeduri u formalitajiet."

9. Ir-Regolament tal-2009 ma għamel ebda emenda materjali lil-Local Government (Miscellaneous Provisions) Act 1982 [liġi tal-1982 dwar l-amministrazzjoni lokali (dispożizzjonijiet diversi), iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-1982"], li l-Anness 3 tagħha, intitolat "Kontroll tal-istabbilimenti tas-sess", jipprovdi dan li ġej fil-paragrafi 6, 8, 9, 12, 17, 19 u 23 tiegħu:

"Rekwiżit ta' liċenzja ta' stabbiliment tas-sess

6 (1) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-anness, ħadd ma jista' juża, f'żona li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-anness, bini, vettura, dgħajsa jew stand bħala stabbiliment tas-sess, jekk mhux permezz ta' liċenzja mogħtija skont dan l-anness mill-awtorità kompetenti. [...]

Għoti, tiġdid u trasferiment ta' liċenzji ta' stabbiliment tas-sess

8 Mingħajr ħsara għall-paragrafu 12(1) iktar 'il quddiem, l-awtorità kompetenti tista' tagħti lil kull applikant, u ġġedded perjodikament, liċenzja skont dan l-anness sabiex bini, vettura, dgħajsa jew stand li hija ssemmi jintużaw għall-finijiet ta' stabbiliment tas-sess, skont il-modalitajiet u mingħajr ħsara għar-restizzjonijiet eventwalment ippreċiżati.

9 (1) Mingħajr ħsara għall-paragrafi 11 u 27 iktar 'il quddiem, kull liċenzja maħruġa skont dan l-anness hija valida għal sena jew għal perijodu iqsar ippreċiżat fil-liċenzja jekk l-awtorità kompetenti jidhirlha xieraq, sa fejn din ma tkunx ġiet preċedentement annullata skont il-paragrafu 16 jew irtirata skont il-paragrafu 17(1) iktar 'il quddiem.

(2) Meta liċenzja tingħata lil persuna skont dan l-anness, l-awtorità kompetenti tista', jekk jidhirlha xieraq, tittrasferixxi din il-liċenzja fuq kull persuna oħra fuq talba ta' din il-persuna l-oħra. [...]

Rifjut ta' liċenzji

12 (1) Liċenzja skont dan l-anness ma għandhiex tingħata

(a) lil persuna ta' taħt it-18-il sena, jew

(b) lil persuna li, fil-mument ikkonċernat, hija eskluża skont il-paragrafu 17(3) iktar 'il quddiem; jew

(c) lil persuna, minbarra persuna ġuridika, li ma hijiex residenti fir-Renju Unit jew li ma kinitx residenti fir-Renju Unit matul il-perijodu kollu ta' sitt xhur immedjatament preċedenti għad-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni; jew

(d) lil persuna ġuridika li ma hijiex ikkostitwita fir-Renju Unit; jew

(e) lil persuna li fit-tnax-il xahar immedjatament preċedenti għad-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħha, kienet ġiet irrifjutatha l-għoti jew it-tiġdid ta' liċenzja għal bini, vettura, dgħajsa jew stand, sa fejn ir-rifjut ma kienx varjat minn appell.

(2) Mingħajr ħsara għall-paragrafu 27 iktar ’il quddiem, l-awtorità kompetenti tista’ tiċħad:

(a) applikazzjoni għall-għoti jew tiġdid ta’ liċenzja, għal wieħed jew iktar mir-raġunijiet previsti fil-punt (3) iktar ’il quddiem […]

(3) Ir-raġunijiet imsemmija fil-punt (2) iktar ’il fuq huma s-segwenti:

(a) l-applikant ma huwiex adegwat sabiex ikollu liċenzja għaliex huwa suġġett ta’ kundanna kriminali jew għal kwalunkwe raġuni oħra;

(b) jekk il-liċenzja għandha tingħata, tiġġedded jew tkun ittrasferita, l-attività inkwistjoni għandha tkun amministrata u eżerċitata għall-benefiċċju ta’ persuna oħra li ma hijiex l-applikant, li lilha l-għoti, it-tiġdid jew it-trasferiment ta’ din il-liċenzja jkun irrifjutat kieku tapplika hija stess;

(c) in-numru ta’ stabbilimenti tas-sess fil-lokalità kkonċernata, fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, huwa ugwali għal jew jaqbeż in-numru li l-awtorità jidhirlha li huwa adegwat għal dik il-lokalità;

(d) l-għoti jew it-tiġdid tal-liċenzja ma jkunx xieraq, fid-dawl

(i) tan-natura partikolari tal-lokalità kkonċernata; jew

(ii) tal-użu li għalih huwa intiż il-bini li jinsab fil-viċin; jew

(iii) tat-tqassim, tan-natura jew tal-istat tal-bini, vettura, dgħajsa jew stand previsti mill-applikazzjoni.

(4) In-numru adegwat imsemmi fil-punt 3(c) jista’ jkun żero. […]

Irtirar ta’ liċenzji

17 (1) L-awtorità kompetenti tista’, f’kull ħin, wara li toffri lid-detentur ta’ liċenzja prevista minn dan l-anness l-opportunità li jidher quddiemha u jinstema’, tirtira l-liċenzja

(a) għar-raġunijiet mogħtija fil-punt 1 tal-paragrafu 12 iktar ’il fuq, jew

(b) għal waħda mir-raġunijiet mogħtija fil-punt 3(a) u (b) ta’ dan il-paragrafu […]

Tariffi

19 Applikant għal għoti, tiġdid jew trasferiment ta’ liċenzja prevista minn dan l-anness għandu jħallas tariffa raġonevoli, stabbilita mill-awtorità kompetenti. […]

Ksur li jikkonċerna persuni ta’ inqas minn 18-il sena

23 (1) Persuna li hija detentriċi ta’ liċenzja għal stabbiliment tas-sess, li

(a) konxjament tawtorizza persuna ta’ taħt it-18-il sena tidħol fl-istabbiliment, jew

(b) timpjega, għall-bżonnijiet tal-istabbiliment, persuna li tirrikonoxxi li għandha inqas minn 18-il sena,

hija ħatja ta' ksur. […]"

## III – **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

10. Skont l-Anness 3 tal-Liġi tal-1982, il-Westminster City Council hija l-awtorità tal-għoti tal-liċenzja għall-operat ta' sex-shops fis-City of Westminster. Timothy Martin Hemming u James Alan Poulton, Harmony Ltd, Gatisle Ltd, Winart Publications Ltd, Darker Enterprises Ltd kif ukoll Swish Publications Ltd (iktar 'il quddiem, flimkien, "Hemming *et*") kienu, matul il-perijodu inkwistjoni kollu, detenturi ta' liċenzji għall-operat, f'din il-lokalità, ta' diversi stabbilimenti tali.

11. Skont l-Anness 3, paragrafu 19 tal-Liġi tal-1982, persuna li tapplika għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja għall-operat ta' sex-shop għandha tħallas lill-awtorità kompetenti tariffa, li f'dan il-każ hija maqsuma f'żewġ partijiet, waħda konnessa mal-amministrazzjoni tal-applikazzjoni u li ma hijiex rimborsabbli fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda u l-oħra (ferm iktar importanti) konnessa mal-ġestjoni tas-sistema ta' liċenzjar [4] u li tista' tingħabar lura jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

12. Fix-xahar ta' Settembru 2004, il-Westminster City Council iffissa l-ammont totali tat-tariffa inkwistjoni għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Frar 2005 u l-31 ta' Jannar 2006 għal 29 102 lira sterlina (GBP) (madwar EUR 43 435), li minnhom GBP 2 667 (EUR 3 980) huma għall-amministrazzjoni tal-liċenzja u ma humiex rimborsabbli, filwaqt li r-rimanenti GBP 26 435 (madwar EUR 39 455) kienu għall-ġestjoni tas-sistema ta' liċenzjar u jistgħu jingħabru lura fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda. Huwa ddeċieda li l-ammont totali tat-tariffa jiġi rivedut kull sena.

13. Sussegwentement, il-Westminster City Council la rreveda u lanqas varja dan l-ammont, b'tali mod li t-tariffa totali għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja għall-operat ta' sex-shop baqgħet ta' GBP 29 102 għall-perijodu kollu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2004 u l-31 ta' Diċembru 2012.

14. Permezz tar-rikors tagħhom għal stħarriġ ġudizzjarju, Hemming *et* jikkontestaw il-legalità tat-tariffi imposti fuqhom mill-Westminster City Council matul il-perijodu mis-sena 2006 sas-sena 2012.

15. Għal dak li jirrigwarda dan il-perijodu kollu, Hemming *et* isostnu li, peress li l-Westminster City Council ma kienx stabbilixxa l-ammont tat-tariffa annwalment, it-talbiet għal ħlas tat-tariffa inkwistjoni kienu *ultra vires*. Huma jallegaw ukoll li, matul dan il-perijodu, il-Westminster City Council naqas milli jaġġusta l-ammont tat-tariffa skont id-defiċit jew il-profitt ġġenerat kull sena mill-ħlas tat-tariffa inkwistjoni meta mqabbel mal-ispiża tal-operat tas-sistema ta' awtorizzazzjoni.

16. Għal dak li jirrigwarda b'mod partikolari s-snin 2011 u 2012, Hemming *et* jallegaw li l-Westminster City Council ma setax, mingħajr ma jikkontradixxi d-Direttiva dwar is-servizzi u r-Regolament tal-2009 li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Diċembru 2009 [5], jinkludi fl-ammont tat-tariffa dovuta sabiex tinkiseb jew tiġġedded liċenzja, l-ispiża tal-ġestjoni u tal-infurzar tas-sistema ta' liċenzjar, b'mod partikolari l-ispiża tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni ta' persuni li joperaw sex-shops mingħajr liċenzja.

4 — Skont ġurisprudenza nazzjonali stabbilita ferm, sa mis-sena 1985, tariffa tista' tiġi imposta skont il-paragrafu 19 tal-Anness 3 tal-Liġi tal-1982, sabiex tirrifletti mhux biss l-ispiża tal-amministrazzjoni tal-applikazzjonijiet, iżda wkoll dik tal-"ispezzjoni tal-bini wara l-għoti tal-liċenzji u fid-dawl ta' dak li tista' tissejjaħ iż-żamma ta' sorveljanza tal-ordni […] sabiex jiġu identifikati u pproċessati l-persuni li jużaw stabbilimenti tas-sess mingħajr liċenzja". Ara s-sentenza R vs Westminster City Council, *ex parte* Hutton (1985) 83 LGR 516.

5 — L-Artikolu 44(1) stabbilixxa l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi għat-28 ta' Diċembru 2009, data li fiha r-Regolament tal-2009 daħal fis-seħħ.

17. Fis-16 ta' Mejju 2012, l-Imħallef Keith iddeċieda li l-Westminster City Council ma kien stabbilixxa t-tariffa għal ebda sena tal-perijodu mis-sena 2006 sas-sena 2012, li sabiex jistabbilixxi l-ammont tat-tariffa inkwistjoni, il-Westminster City Council kellu jieħu inkunsiderazzjoni kull sena d-defiċit jew il-profitt, skont il-każ, tad-dħul mit-tariffi meta mqabbla mal-ispiża tas-sistema ta' awtorizzazzjoni, u li sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-2009, il-Westminster City Council ma setax jinkludi iktar fit-tariffi dovuti għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja ta' operat ta' sex-shops, l-ispiża tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni ta' persuni li joperaw tali stabbilimenti mingħajr liċenzja [6].

18. Fit-12 ta' Ġunju 2012, l-Imħallef Keith ordna wkoll lill-Westminster City Council jistabbilixxi tariffa raġonevoli għal kull sena tal-perijodu kkonċernat u jħallas lura lil Hemming *et* id-differenza bejn it-tariffa mħallsa u din it-tariffa raġonevoli [7].

19. Il-Westminster City Council appella mis-sentenzi tal-Imħallef Keith quddiem il-Court of Appeal (England & Wales) [qorti tal-appell (Ingilterra u Wales), ir-Renju Unit] li parzjalment ċaħdet l-appell (għal dak li kien jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi) u parzjalment laqgħetu (għal dak li kien jirrigwarda l-metodu ta' kalkolu tat-tariffi li għandhom jitħallsu lura) [8].

20. Fil-21 ta' Frar 2014, is-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) awtorizzat lill-Westminster City Council jappella minn din is-sentenza tal-Court of Appeal (England & Wales) [qorti tal-appell (Ingilterra u Wales)].

21. L-appell quddiem is-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) jirrigwarda essenzjalment il-kwistjoni dwar jekk il-prattika tal-Westminster City Council li jinkludi fit-tariffi dovuti għall-operat jew għat-tkomplija tal-operat ta' sex-shop, u dan sa mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-għoti, jew għat-tiġdid ta' liċenzja, l-ispiża tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni ta' persuni li joperaw sex-shops mingħajr liċenzja hijiex konformi mar-Regola 18(4) tar-Regolament tal-2009 u mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi.

22. Il-Westminster City Council ippreżenta l-argument tiegħu taħt il-forma ta' alternattiva [9]. Jew il-kunċett ta' "[i]l-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni", imsemmi fl-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi (u fir-Regola 18 tar-Regolament tal-2009), jista' jiġi interpretat b'mod suffiċjentement wiesa' sabiex ikopri l-aspetti kollha tas-sistema ta' liċenzjar, inkluż l-ispiża tal-applikazzjoni tagħha kontra operaturi u li ma humiex detenturi ta' liċenzja. Jew inkella l-Artikolu 13(2) ta' din id-direttiva (u għalhekk l-imsemmija regola 18) jipprevedu biss l-ispejjeż relattivi għall-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u l-ispiża tagħhom, li l-ispiża tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni ta' persuni li joperaw sex-shops mingħajr liċenzja ma tifformax parti minnha. F'dak il-każ, it-tariffa korrispondenti għal din l-ispiża ma tmurx kontra l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi peress li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

23. Fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju 2015, is-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) qabel xejn ikkonfermat, mill-perspettiva tad-dritt intern, il-prinċipju stabbilit mis-sentenza *R v Westminster City Council, ex parte Hutton* (1985) 83 LGR 516, li t-tariffi imposti skont l-Anness 3, paragrafu 19 tal-Liġi tal-1982 jistgħu jirriflettu mhux biss l-ispiża tal-amministrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja ta' stabbiliment tas-sess, iżda wkoll l-ispiża tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni tal-persuni li joperaw tali stabbilimenti mingħajr liċenzja [10].

6 — Ara s-sentenza *Hemming and others v Westminster City Council* [2012] EWHC 1260 (Admin), punt 49.

7 — Ara s-sentenza *Hemming and others v Westminster City Council* [2012] EWHC 1582 (Admin), [2013] WLR 203.

8 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v The Lord Mayor and Citizens of Westminster* [2013] EWCA Civ 591.

9 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 14.

10 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 7.

24. Imbagħad, hija kellha tiddeċiedi jekk din il-pożizzjoni hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, is-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) ċaħdet l-ewwel parti tal-alternattiva li tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi (u tal-imsemmija regola 18) proposta mill-Westminster City Council billi ddeċidiet li dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw biss il-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni imposti fuq l-applikant fil-mument fejn dan jitlob permess sabiex ikollu aċċess għal attività ta' servizz jew sabiex jeżerċitaha [11].

25. Skont din il-qorti, l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi jirrigwarda mhux tariffi li jistgħu jkunu meħtieġa għall-pussess, il-konservazzjoni jew it-tiġdid ta' liċenzja, ladarba l-istadju tal-awtorizzazzjoni jkun intemm b'suċċess, iżda biss it-tariffi dwar il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u l-ispiża tagħhom [12]. Għall-kuntrarju, xejn f'din id-direttiva ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-ammont tat-tariffa ma jistax jiġi stabbilit f'livell li jippermetti lill-awtorità tirkupra mingħand l-operaturi detenturi ta' liċenzja l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-funzjonament u mill-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzjar, inkluż in-nefqa tal-proċeduri mibdija kontra persuni li joperaw stabbilimenti tas-sess mingħajr liċenzja [13]. Madankollu, din it-tariffa għandha tosserva l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 14 sa 18 tal-imsemmija direttiva, inkluż il-prinċipju ta' proporzjonalità [14].

26. Fuq din il-bażi, is-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) għamlet distinzjoni bejn żewġ tipi ta' skemi ta' awtorizzazzjoni. Skont it-tip A, l-applikant għandu jħallas, mal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, l-ispejjeż tal-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni u meta l-applikazzjoni tintlaqa', tariffa addizzjonali sabiex tkopri l-ispiża tal-funzjonament u tal-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzjar [15].

27. Skont it-tip B, l-applikant għandu jħallas, mal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, in-nefqa tal-proċeduri u l-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni, kif ukoll tariffa addizzjonali sabiex tkopri l-ispiża tal-funzjonament u tal-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzjar b'għarfien tal-fatt li din tista' tingħabar lura fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda [16].

28. Għal dak li jirrigwarda t-tip A, is-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) iddeċidiet li jekk l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi ma jipprojbixxix li awtorità kompetenti, għall-għoti ta' liċenzji bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tiġbor mingħand l-applikant li jingħata liċenzja simili, spejjeż li jippermettu lill-awtorità tirkupra l-ispiża kollha tal-funzjonament u tal-applikazzjoni tas-sistema, allura l-impożizzjoni ta' dawn l-ispejjeż wara li tintlaqa' l-applikazzjoni ma tistax tkun ipprojbita minn din id-dispożizzjoni. Fl-opinjoni tiegħi, l-impożizzjoni ta' tariffa għall-pussess jew il-konservazzjoni ta' liċenzja jekk l-applikazzjoni tirnexxi, ma għandhiex l-effett li din it-tariffa ssir proċedura jew formalità ta' awtorizzazzjoni jew spiża li tirriżulta mill-applikazzjoni [17].

29. Is-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) ikkunsidrat għalhekk li proċedura ta' awtorizzazzjoni tat-tip A kienet konformi mar-Regola 18 tar-Regolament tal-2009 u mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi [18].

30. Madankollu, peress li l-iskema ta' awtorizzazzjoni operata mill-Westminster City Council hija tat-tip B, l-imsemmija qorti kkunsidrat żewġ argumenti magħmula minn Hemming *et*.

11 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 15.
12 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punti 15 u 17.
13 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 17.
14 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 17.
15 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 18.
16 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 18.
17 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 19.
18 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 26.

31. L-ewwel argument tagħhom kien li r-rekwiżit ta' tariffa li tikkorrispondi għall-ispiża tal-ġestjoni u tal-infurzar tas-sistema ta' awtorizzazzjoni, anki jekk tista' tingħabar lura fil-każ ta' rifjut tal-għoti jew tat-tiġdid tal-liċenzja, seta' jkollu effett dissważiv li jmur kontra l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi. Il-qorti tar-rinviju skartat dan l-argument billi ddeċidiet li l-proċess ma kien jinkludi ebda element fattwali jew ta' prova li jippermetti li jiġi konkluż li dan ir-rekwiżit jista' jiddiswadi lil Hemming *et* jew lil applikanti oħra milli japplikaw għal liċenzja għall-operat ta' sex-shops [19].

32. It-tieni argument ta' Hemming *et* kien li anki tariffa li tista' tingħabar lura kienet tikkostitwixxi spiża u kienet tikser l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi peress li kienet ogħla min-nefqa tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni sostnuta mill-Westminster City Council.

33. Skont is-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit), il-kwistjoni hija għalhekk dwar jekk ir-rekwiżit ta' tariffa li tinkludi parti korrispondenti għall-ispiża tal-ġestjoni u l-infurzar tas-sistema ta' awtorizzazzjoni u li tista' tingħabar lura fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda huwiex "spiża" li tmur kontra l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi, sa fejn tkun ogħla mill-ispiża tal-amministrazzjoni tal-applikazzjoni. Huwa dwar dan il-punt li hija s-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"Meta applikant għall-għoti jew tiġdid ta' liċenzja ta' stabbiliment tas-sess ikollu jħallas tariffa maqsuma f'żewġ partijiet, waħda konnessa mal-amministrazzjoni tal-applikazzjoni u li ma hijiex rimborsabbli, l-oħra għall-ġestjoni tas-sistema ta' liċenzjar u li hija rimborsabbli [tista' tingħabar lura] jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda:

(1) Ir-rekwiżit li titħallas tariffa, inkluża t-tieni parti li hija rimborsabbli [tista' tingħabar lura], ifisser, bħala kwistjoni ta' dritt Ewropew u xejn iktar, li l-intimati sostnew spiża għall-applikazzjonijiet tagħhom li tmur kontra l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva [dwar] is-servizzi fis-Suq Intern sa fejn din taqbeż l-ispiża sostnuta mill-Westminster City Council għall-ipproċessar tal-applikazzjoni;

(2) Il-konklużjoni li tali rekwiżit għandu jiġi kkunsidrat li jinvolvi spiża – jew, jekk għandu jitqies bħala tali, spiża li taqbeż l-ispiża sostnuta mill-Westminster City Council għall-ipproċessar tal-applikazzjoni – tiddependi fuq l-effett ta' ċirkustanzi ulterjuri (u jekk iva, liema), per eżempju:

   (a) provi li jistabbilixxu li l-ħlas tat-tieni parti li hija rimborsabbli [tista' tingħabar lura] kien jinvolvi jew x'aktarx jinvolvi lil applikant f'xi spejjeż jew telf,

   (b) id-daqs tat-tieni parti li hija rimborsabbli [tista' tingħabar lura] u t-tul ta' żmien li tinżamm qabel ma jsir ir-rimbors, jew

   (ċ) kull iffrankar fl-ispejjeż għal Westminster City Council fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet (u għalhekk fl-ispiża mhux rimborsabbli tagħhom) li tirriżulta mir-rekwiżit tal-ħlas bil-quddiem taż-żewġ partijiet tat-tariffa li għandhom jitħallsu mill-applikanti kollha?"

## IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

34. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Ġunju 2015. Hemming *et*, il-Westminster City Council, il-Gvern Olandiż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

19 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 22.

35. B'applikazzjoni tal-Artikolu 61(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Westminster City Council kien mistieden iwieġeb bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa wieġeb fid-29 ta' April 2016.

36. Fl-1 ta' Ġunju 2016 inżammet seduta, li matulha Hemming *et*, il-Westminster City Council u l-Gvern Olandiż kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom.

## V – **Analiżi**

### A – *Osservazzjonijiet preliminari*

37. Kif jirriżulta mill-premessi 5 sa 7 tad-Direttiva dwar is-servizzi, l-għan tagħha huwa li telimina l-ostakoli għal-libertà ta' stabbiliment u għall-moviment liberu tas-servizzi li minnhom jibbenefikaw il-fornituri u d-destinatarji ta' servizzi.

38. Skont ir-regola stabbilita mill-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar is-servizzi, "[l]-Istati Membri m'għandhomx jissoġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha għal skema ta' awtorizzazzjoni" ħlief taħt tliet kundizzjonijiet kumulattivi ppreċiżati fil-punti (a) sa (ċ) ta' din id-dispożizzjoni, fosthom "il-ħtieġa [li l-] skema ta' awtorizzazzjoni [tkun] ġġustifikata minn raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku".

39. Bl-istess mod, fir-rigward tal-perijodu tal-awtorizzazzjonijiet, l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva dwar is-servizzi jipprovdi li "[l-]awtorizzazzjoni mogħtija lil fornitur m'għandhiex tkun għal perjodu limitat", bl-eċċezzjoni ta' tliet każijiet previsti fil-punti (a) sa (ċ) ta' din id-dispożizzjoni, fosthom fil-każ li "in-numru ta' awtorizzazzjonijiet disponibbli [għandu jkun] limitat b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku".

40. Għalhekk, bħala regola ma għandhiex tinkiseb awtorizzazzjoni sabiex ikun hemm aċċess għall-provvista ta' servizz u fi kwalunkwe każ, din l-awtorizzazzjoni ma għandhiex ikollha tul limitat. Iżda f'dan il-każ l-Anness 3 tal-Liġi tal-1982 jissuġġetta l-ftuħ ta' sex-shop fis-City of Westminster għal kisba ta' awtorizzazzjoni annwali.

41. F'dan is-sens, hija tidderoga mill-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 9(1) u fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva dwar is-servizzi, mingħajr madankollu ma l-Westminster City Council invoka raġuni imperattiva ta' interess ġenerali sabiex jiġġustifika din id-deroga mir-regola.

42. L-eżistenza ta' raġuni imperattiva ta' interess ġenerali sabiex tiġi ġġustifikata skema ta' awtorizzazzjoni fid-dawl tal-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva dwar is-servizzi ma tistax tkun preżunta, kif sostna l-Westminster City Council quddiem il-qorti tar-rinviju[20], iżda għandha tkun espressament invokata u sostnuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

43. Madankollu, f'dan ir-rigward nirrileva li l-Anness 3, paragrafu 23 tal-Liġi tal-1982 jikklassifika bħala reat kriminali l-fatt li detentur ta' awtorizzazzjoni sabiex jopera sex-shop jippermetti d-dħul ta' persuni ta' taħt it-18-il sena. Barra minn hekk, kundanna għal ksur ta' din il-projbizzjoni hija suffiċjenti, skont il-kliem tal-Anness 3, paragrafu 12(3)(a) tal-Liġi tal-1982, sabiex jiġi miċħud it-tiġdid ta' tali awtorizzazzjoni.

20 — Ara r-reġistrazzjoni awdjoviżiva tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 quddiem il-qorti tar-rinviju fis-sessjoni 1, 40:20 *et seq.*, disponibbli fuq l-internet on demand fl-indirizz li ġej: https://www.supremecourt.uk/contact-us.html, fejn il-Westminster City Council jallega li l-ġustifikazzjoni tal-iskema ta' awtorizzazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali hija evidenti (*axiomatic*).

44. Għalhekk jista' jinftiehem li l-protezzjoni tal-minuri tikkostitwixxi r-raġuni imperattiva ta' interess ġenerali fis-sens tal-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva dwar is-servizzi, iżda din ma hijiex suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-fatt li l-Anness 3, paragrafu 9(1) tal-Liġi tal-1982 jillimita l-perijodu tal-awtorizzazzjoni għal sena.

45. Fil-fatt, skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva dwar is-servizzi, il-perijodu ta' awtorizzazzjoni ma jistax ikun limitat ħlief jekk "l-awtorizzazzjoni tiġġedded awtomatikament jew hi soġġetta biss għat-twettiq kontinwu tar-rekwiżiti", jekk "in-numru ta' awtorizzazzjonijiet disponibbli hu limitat b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku" [21] jew jekk "perjodu limitat ta' awtorizzazzjoni jista' jkun ġustifikat minn raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku".

46. Waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Westminster City Council invoka l-Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva dwar is-servizzi sabiex jiġġustifika l-eżistenza tal-iskema ta' awtorizzazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali billi qal li "kif applikata f'Westminster, l-iskema prevista mil-Liġi tal-1982 hija bbażata fuq *kwota ta' awtorizzazzjonijiet* […] għas-sex-shops, hemm *kwota*" [22].

47. Jekk huwa minnu li n-numru ta' awtorizzazzjonijiet għall-operat ta' sex-shops għall-perijodu ta' mis-sena 2003 sas-sena 2012 kien suġġett għal kwota li matul dan il-perijodu tvarja bejn 14 u 20 [23], jiena ma narax għaliex il-perijodu ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet għandu jkun limitat għal sena, u dan iktar u iktar meta l-awtorità kompetenti dejjem għandha l-possibbiltà, skont l-Anness 3, paragrafu 17(1)(b) tal-Liġi tal-1982, li tirtira l-awtorizzazzjoni fil-każ ta' reat kriminali mwettaq mid-detentur tagħha, inkluż ksur tal-Anness 3, paragrafu 23 tal-Liġi tal-1982.

48. F'din l-okkażjoni nirrileva wkoll li l-Anness 3, paragrafu 12(1) tal-Liġi tal-1982 dwar ir-raġunijiet għal rifjut ta' awtorizzazzjoni, fil-punti (c) u (d) tiegħu rekwiżiti ta' residenza u nazzjonalità pprojbiti mill-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar is-servizzi.

49. Anki jekk dawn l-elementi ma jaqgħux fid-domandi preliminari, huma juru li l-Anness 3 tal-Liġi tal-1982, adottat iktar minn 20 sena qabel id-Direttiva dwar is-servizzi mingħajr l-aġġornament magħmul mir-Regolament tal-2009, iqajjem kwistjonijiet oħra ta' kompatibbiltà mad-Direttiva dwar is-servizzi li huma espressament imqajma fil-kawża prinċipali.

## B – *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

### 1. Introduzzjoni

50. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk tariffa għall-għoti jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni għall-operat ta' sex-shop, maqsuma f'żewġ partijiet, waħda konnessa mal-amministrazzjoni tal-applikazzjoni u li ma hijiex rimborsabbli fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda u l-oħra konnessa mal-ġestjoni tas-sistema ta' liċenzjar u li hija rimborsabbli jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda, tikkostitwixxix spiża li tmur kontra l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi [24].

21 — Waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Westminster City Council invoka din id-dispożizzjoni sabiex jiġġustifika l-limitazzjoni tal-perijodu tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija lil Hemming *et* (ara wkoll ir-reġistrazzjoni awdjoviżiva tas-seduta quddiem il-qorti tar-rinviju tas-sessjoni 1, 39:51 *et seq.*, disponibbli fuq l-internet on demand fl-indirizz li ġej: https://www.supremecourt.uk/contact-us.html).

22 — Ara r-reġistrazzjoni awdjoviżiva tas-seduta quddiem il-qorti tar-rinviju tas-sessjoni 1, 39:51 *et seq.*, disponibbli fuq l-internet on demand fl-indirizz li ġej: https://www.supremecourt.uk/contact-us.html. ("the scheme under the 1982 Act in Westminster is one where there is a *quotaof authorisations* […] for sex shops, there is *quota*"). Enfasi magħmula minni. Ara wkoll, f'dan is-sens, l-Anness 3, paragrafu 12(3)(c) u paragrafu 12(4) tal-Liġi tal-1982.

23 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v The Lord Mayor and Citizens of Westminster* [2013] EWCA Civ 591, punt 29.

24 — L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi ġie traspost fir-Renju Unit bir-Regola 18 tar-Regolament tal-2009. Peress li ma hemm l-ebda differenza bejn il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar is-servizzi u dik tar-Regolament tal-2009, f'dawn il-konklużjonijiet jiena ser nirreferi għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-servizzi.

51. Fl-ewwel lok għandu jiġi nnotat li tariffa li tikkorrispondi għall-ispiża tal-amministrazzjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u li ma hijiex rimborsabbli fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda, hija b'mod evidenti ħafna, konformi mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi. Ħadd mill-partijiet jew mill-intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jikkontesta dan il-punt.

52. Nirrimarka li, kif esponejt fil-punti 26 u 27 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-qorti tar-rinviju għamlet distinzjoni bejn żewġ sistemi li jipprovdu li t-tieni parti tat-tariffa, intiża sabiex tiffinanzja l-ġestjoni u l-infurzar tas-sistema ta' liċenzjar għandha titħallas biss meta l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tintlaqa' (tip A) jew għandha titħallas fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, bir-rimbors fil-każ li din tiġi miċħuda (tip B).

53. Fil-punt 26 tat-talba għal deċiżjoni preliminari[25], il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li l-iskemi ta' awtorizzazzjoni tat-tip A kienu inkompatibbli mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi. B'hekk id-domandi preliminari tagħha jipprevedu biss skema ta' awtorizzazzjoni tat-tip B li fil-fatt hija dik użata mill-Westminster City Council.

54. Huwa evidenti li din id-distinzjoni bejn l-iskemi ta' awtorizzazzjoni tat-tip A u B hija rilevanti biss jekk, fl-iskema tat-tip A, it-tariffa korrispondenti għall-ispiża tal-ġestjoni u l-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni ma hijiex kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni sabiex jiġi pprovdut is-servizz ikkonċernat. Jekk, għall-kuntrarju, l-awtorità kompetenti għandha d-dritt li tipposponi l-għoti tal-liċenzja u, konsegwentement, li tipprekludi l-provvista tas-servizz ikkonċernat sal-mument li fih isir il-ħlas ta' din it-tariffa, din tkun nettament u b'mod ċar skema ta' awtorizzazzjoni tat-tip B, anki jekk it-tariffa ma hijiex rikjesta fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

55. Skont id-deskrizzjoni ta' skema ta' awtorizzazzjoni tat-tip A mogħtija mill-qorti tar-rinviju, it-tieni parti tat-tariffa tkun dovuta biss ladarba l-applikazzjoni "tintlaqa'", li jimmilita favur li jiġi kkunsidrat li l-awtorizzazzjoni tal-operat ma hijiex ikkundizzjonata mill-ħlas minn qabel. Tali rekwiżit ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar is-servizzi u ma jistax, jekk ikun il-każ, ikun impost ħlief taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva dwar is-servizzi[26].

56. Dan jimplika li għandu jiġi eżaminat jekk tali rekwiżit jistax jikkorrispondi għall-kunċett ta' "rekwiżit", iddefinit fl-Artikolu 4(7) tad-Direttiva dwar is-servizzi, u l-Artikolu 16(1) tagħha jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha fit-territorju tagħhom għal xi "rekwiżiti".

57. L-Artikolu 4(7) tad-Direttiva dwar is-servizzi jiddefinixxi dan il-kunċett ta' "rekwiżit" bħala "kwalunkwe obbligu, projbizzjoni, kondizzjoni jew limitu stipulat fil-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri jew bħala riżultat tal-każistika, il-prattika amministrattiva, ir-regoli ta' korpi professjonali, jew ir-regoli kollettivi ta' assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet professjonali oħrajn, adottati fl-eżerċizzju ta' l-awtonomija legali tagħhom".

58. Li kieku r-risposta kienet pożittiva, madankollu, skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar is-servizzi, din it-tariffa jkollha tkun nondiskriminatorja fir-rigward tan-nazzjonalità jew tar-residenza tal-fornitur, li huwa neċessarju sabiex jinżamm l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika jew sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika jew l-ambjent u jkollha tkun proprozjonata fir-rigward tal-għan li għandu jintlaħaq.

25 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25.

26 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 17, fejn il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li "tali tariffa għandha tosserva l-kundizzjonijiet imsemmija fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu III u fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV [tad-Direttiva dwar is-servizzi]".

59. Mingħajr ma nippreġudika risposta definittiva dwar dan il-punt, jiena ser nikkummenta dwar dan il-punt u b'mod iktar partikolari dwar il-loġika wara l-punt 12 tat-talba għal deċiżjoni preliminari, li jipprovdi li l-ispiża ta' investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni ta' persuni li joperaw sex-shops mingħajr liċenzja għandha tkun sostnuta mid-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet, peress li huma jibbenefikaw mill-fatt li l-aċċess għas-servizz huwa ristrett minn kwota ta' awtorizzazzjonijiet.

60. Din il-loġika tipperċepixxi l-iskema ta' awtorizzazzjoni bħala mezz li jiżgura "monopolju" favur ċerti operaturi li jagħmlu parti minn "klabb", li għalih l-aċċess huwa ristrett u suġġett għal ħlas ta' tariffa li tippermetti lill-membri li jibbenefikaw mill-garanzija li dan il-"klabb" jibqa' ristrett. Dan jidher li jmur kontra l-għan tad-Direttiva dwar is-servizzi li tistabbilixxi "suq kompettivi fis-servizzi" billi tiffaċilita "l-aċċess għal, jew l-eżerċizzju ta', attività ta' servizz"[27].

2. Kompatibbiltà tal-iskema ta' awtorizzazzjoni tat-tip B mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi

61. Is-segwitu tar-raġunament tiegħi ser jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk it-tieni parti tat-tariffa imposta fuq Hemming *et* mill-Westminster City Council, dovuta mal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għal awtorizzazzjoni u li tikkorrispondi għall-ispiża tal-ġestjoni u tal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni tikkostitwixxix "spiża", fis-sens tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi, fatt li l-qorti tar-rinviju donnha għandha dubji dwar din il-kwistjoni, peress li l-ispiża hija rimborsabbli fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda[28].

62. Nirrileva li l-Anness 3, paragrafu 19 tal-Liġi tal-1982 jimponi l-obbligu tal-ħlas tat-tariffa fuq l-"*applikant* għal għoti, tiġdid jew trasferiment ta' liċenzja" (enfasi magħmula minni) u mhux fuq il-"liċenzjat". Fi kliem ieħor, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ma hijiex ser tkun eżaminata mingħajr il-ħlas ta' din it-tariffa mal-preżentazzjoni ta' din l-applikazzjoni, kif jirrikonoxxi l-Westminster City Council fil-punt 15 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu[29]. F'dan ir-rigward, il-fatt li dan il-ħlas jikkostitwixxix (bħal ma jsostni l-Westminster City Council) kawzjoni jew le jew jekk dan isirx proprjetarju ta' din is-somma b'mod irriversabbli huwa mingħajr effett.

63. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Westminster City Council, it-tariffa inkwistjoni tikkostitwixxi spiża (jiġifieri l-ħlas obbligatorju ta' xi somma) li fis-sens tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi, "tirriżulta" mill-proċeduri u mill-formalitajiet ta' awtorizzazzjoni.

64. Sabiex spiża bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tkun konformi mal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi, hija għandha tkun "raġonevoli u proporzjonata għan-nefqa tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni konċernati u m'għandhiex taqbeż n-nefqa tal-proċeduri".

i) Spiża "proporzjonata għan-nefqa tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u [li] ma [taqbiżx] n-nefqa tal-proċeduri"

65. Sabiex ikun jista' jiġi deċiż dan il-punt, għandu qabel xejn jiġi mistoqsi jekk l-ispiża tal-ġestjoni u tal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni hijiex inkluża fil-kunċett ta' "nefqa tal-proċeduri" ta' awtorizzazzjoni.

66. Skont il-Gvern Olandiż, il-kunċett ta' "nefqa tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni" jipprevedi kemm l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni kif ukoll l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-iskema ta' awtorizzazzjoni.

27 — Ara l-premessi 2, 5, 8 u 9 tad-Direttiva dwar is-servizzi.

28 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punti 23 u 24.

29 — "[…] it is correct to say that the applicant is required to pay that second part of the fee at the time of application […]" ("huwa korrett li jiġi ddikjarat li l-applikant għandu jħallas it-tieni parti tat-tariffa fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni").

67. F'dan ir-rigward, huwa jibbaża ruħu fuq dikjarazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fix-xahar ta' Mejju 2006 li n-nefqa tal-proċeduri tinkludi l-"ispejjeż li jirriżultaw mill-ġestjoni, mill-istħarriġ jew mill-infurzar"[30] tal-iskema ta' awtorizzazzjoni.

68. Din id-dikjarazzjoni tmur kontra l-argument difiż mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li jipprovdi li tariffa għall-ispiża tal-prosekuzzjoni ta' persuni li joperaw sex-shops mingħajr liċenzja ma tistax tkun ikkunsidrata bħala li taqa' taħt il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, tal-amministrazzjoni tal-applikazzjonijiet u tal-ispejjeż konnessi.

69. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni ċaħdet l-eżistenza ta' kontradizzjoni bejn id-dikjarazzjoni tagħha tal-2006 u l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, billi sostniet li awtorità kompetenti għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet tista' titlob lill-applikanti jħallsu l-ispejjeż ta' ġestjoni, ta' stħarriġ u ta' infurzar ta' skema ta' awtorizzazzjoni mingħajr ħsara li dawn jirrigwardaw spejjeż ċerti u reali iżda li, f'dan il-każ, l-ispiża ta' investigazzjonijiet u ta' prosekuzzjoni tal-persuni li joperaw sex-shops mingħajr liċenzja ma tikkostitwixxix "spejjeż realment sostnuti" ("*costs actually incurred*").

70. Fl-opinjoni tiegħi, it-termini "nefqa tal-proċeduri" użati fl-aħħar tat-tieni sentenza tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi tirreferi għat-termini "nefqa tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni" diġà użati f'din is-sentenza u li, min-naħa tagħha, tirreferi għall-"proċeduri u formalitajiet ta' awtorizzazzjoni" imsemmija fl-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni.

71. F'dan ir-rigward, nirrileva li għalkemm it-termini "proċeduri u formalitajiet ta' awtorizzazzjoni" ma humiex iddefiniti mid-Direttiva dwar is-servizzi, huma għandhom jiġu distinti mill-"iskema ta' awtorizzazzjoni" iddefinita fl-Artikolu 4(6) ta' din id-direttiva.

72. Waqt is-seduta, il-Westminster City Council sostna li t-tieni parti tat-tariffa inkwistjoni tkopri l-ispiża tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni kemm tal-persuni li joperaw sex-shops mingħajr liċenzja kif ukoll tad-detenturi ta' liċenzja, fil-każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tagħhom.

73. Madankollu, anki jekk jiġi preżunt li l-ispiża tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni tad-detenturi ta' liċenzja tista' tifforma parti mill-ispiża tal-iskema ta' awtorizzazzjoni[31], dan ma jistax ikun il-każ tal-ispiża tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni ta' terzi li joperaw sex-shops mingħajr liċenzja, peress li dawn l-attivitajiet ma jagħmlux parti mill-iskema ta' awtorizzazzjoni.

74. Barra minn hekk, huwa impossibbli li l-ġestjoni u l-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni jiġu pperċepiti, anki jekk jipprevedu r-reati mwettqa mid-detenturi ta' awtorizzazzjoni, bħala parti mill-"proċeduri u formalitajiet ta' awtorizzazzjoni", għaliex jirrigwardaw mhux attivitajiet li jwasslu għall-awtorizzazzjoni, iżda attivitajiet li jsegwuha. Dwar il-projbizzjoni tar-reati mill-operaturi li joperaw sex-shop mingħajr liċenzja, din hija ferm inqas marbuta mal-"proċeduri u formalitajiet ta' awtorizzazzjoni" u tipprevedi l-aġir ta' terzi fir-rigward tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet.

75. Għalhekk, mill-formulazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi jirriżulta li l-ispejjeż tal-amministrazzjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ma jistgħux jinkludu spejjeż oħra ħlief dawk iġġenerati mill-awtorità kompetenti għall-amministrazzjoni tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni. Għalhekk dawn ma jistgħux jaqbżu dak li huwa neċessarju sabiex ikopri l-ispejjeż reali tal-proċedura li twassal għal din l-awtorizzazzjoni.

30 — "[...] costs incurred in the management, control and enforcement". Traduzzjoni magħmula minni.

31 — Madankollu, is-sanzjonijiet finanzjarji li jkunu eventwalment imposti ma għandhomx jitnaqqsu mill-ispiża globali tas-sistema?

76. Is-sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-400/08, EU:C:2011:172), issostni bis-sħiħ l-interpretazzjoni tiegħi tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi. Fil-fatt, it-taxxi li kienu inkwistjoni f'dik is-sentenza kienu kkalkolati abbażi tal-ispiża globali tal-amministrazzjoni għas-snin 1994 u 1995 tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' żoni għall-bejgħ bl-imnut maqsuma skont in-numru ta' metri kwadri koperti minn kull applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

77. Huwa ċar li dawk it-taxxi ma kinux jieħdu inkunsiderazzjoni elementi ta' wara l-proċedura ta' awtorizzazzjoni, bħal pereżempju, l-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni u mal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni. Huwa għal din ir-raġuni li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fil-punt 129 tas-sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-400/08, EU:C:2011:172), li l-ammont tat-tariffa kien "raġonevoli mingħajr ma jwarrab b'mod kunsiderevoli l-ispejjeż reali f'kull każ individwali".

78. Hemming *et* ibbażaw ruħhom fuq din is-sentenza quddiem il-Court of Appeal (England & Wales) [qorti tal-appell (Ingilterra u Wales)][32] li abbażi ta' din is-sentenza ddeċidiet, fl-opinjoni tiegħi b'mod korrett, li l-Istati Membri ma setgħux jimponu spejjeż li jmorru lil hinn min-nefqa tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni u ta' reġistrazzjoni[33].

79. F'din il-kawża, huwa paċifiku li l-ammont totali tat-tariffa inkwistjoni mhux biss huwa ferm ogħla mill-ispiża tal-amministrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja għall-operat ta' sex-shop, iżda li huwa iktar importanti hu li dan jinkludi wkoll spejjeż li ma humiex inkorsi mill-Westminster City Council fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni, jiġifieri l-ispiża tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni tal-persuni li joperaw sex-shops mingħajr liċenzja.

ii) Spiża "raġonevoli"

80. Huwa biss b'mod sussidjarju li ser neżamina dan il-punt peress li r-rekwiżit li l-ispiża tkun "raġonevoli" jiżdied ma' dak li hija tkun "proporzjonata [...] u ma [taqbiżx] in-nefqa tal-proċeduri", li jiena nikkunsidra li ma ġiex issodisfatt.

81. Anki jekk huwa minnu, kif ikkonstatat il-qorti tar-rinviju, li l-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-opportunità tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi[34], hija kellha l-okkażjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-400/08, EU:C:2011:172), li teżamina l-kompatibbiltà mal-libertà ta' stabbiliment tat-taxxi introdotti minn liġi Spanjola qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar is-servizzi u dovuti għall-amministrazzjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' żoni għall-bejgħ bl-imnut fil-Katalonja (Spanja).

82. Peress li l-ammont ta' dawn it-taxxi kien ġie kkalkolat fil-bidu billi l-ispejjeż relatati mal-proċeduri li saru fl-1994 u fl-1995 inqasmu bejn in-numru ta' metri kwadri koperti fl-applikazzjonijiet ikkonċernati u minn dakinhar 'il quddiem kien ġie adattat skont l-inflazzjoni, il-Kummissjoni sostniet li dawn it-taxxi, peress li ma humiex relatati mal-ispiża tal-proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni kummerċjali, kienu sproporzjonati[35].

32 — Huma bbażaw ruħhom ukoll fuq is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, i-21 Germany u Arcor (C-392/04 u C-422/04, EU:C:2006:586) li madankollu ma hijiex ta' għajnuna kbira f'din il-kawża peress li l-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' April 1997, dwar qafas komuni għall-awtorizzazzjonijiet ġenerali u għal-liċenzji individwali fis-settur tas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet (ĠU 1997, L 117, p. 15), kien jawtorizza b'mod espliċitu lill-Istati Membru jinkludu l-ispejjeż tal-ġestjoni, tal-istħarriġ u tal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni fit-tariffa dovura sabiex tinkiseb liċenzja.

33 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v The Lord Mayor and Citizens of Westminster* [2013] EWCA Civ 591, punti 80 sa 84 u 88.

34 — Ara s-sentenza *R (Hemming and others) v Westminster City Council* [2015] UKSC 25, punt 24.

35 — Ara s-sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-400/08, EU:C:2011:172, punti 127 u 128).

83. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-argument, billi ddeċidiet li "dan il-metodu ta' stabbiliment tal-ammont tal-miżati dovuti jirrefletti t-totalità tal-imsemmija spejjeż b'mod *raġonevoli mingħajr ma jwarrab b'mod kunsiderevoli l-ispejjeż reali f'kull każ individwali.* Barra minn hekk, il-metodu tal-iffissar tiegħu, li jikkorrispondi għal ammont stabbilit għal kull metru kwadru, joffri l-vantaġġ li jippermetti li tiġi kkalkulata bil-quddiem l-ispiża tal-proċedura b'mod trasparenti" [36].

84. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tatx kriterji speċifiċi li jippermettu l-evalwazzjoni tan-natura raġonevoli ta' spiża jew ta' taxxa, u l-imsemmija sentenza tikkonċentra pjuttost fuq il-proporzjonalità tat-tariffa li ma għandhiex teċċedi l-ispiża reali tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni.

85. Fl-opinjoni tiegħi, sabiex spiża tkun "raġonevoli", fis-sens tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi, l-elementi li jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tat-tariffa kif ukoll il-metodu ta' dan il-kalkolu għandhom ikunu spjegabbli b'mod loġiku [37].

86. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-Westminster City Council jispjega fid-dettall u bil-miktub il-fatturi li ttieħdu inkunsiderazzjoni sabiex wasal għat-tariffi ta' GBP 2 667 u GBP 26 435 kif ukoll il-metodu ta' kalkolu użat. Il-Westminster City Council wieġeb għal din il-mistoqsija billi pproduċa ż-żewġ xhieda tas-*service manager – noise and licensing* tiegħu li huwa kien ippreżenta lill-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court) [qorti għolja tal-ġustizzja (Ingilterra u Wales)], sezzjoni tal-bank tar-Reġina (awla amministrattiva)], kif ukoll id-dokumenti annessi magħhom.

87. Il-Westminster City Council spjega li, skont din ix-xhieda, l-ispejjeż tal-iskema ta' awtorizzazzjoni kienu maqsuma fi tliet kategoriji, jiġifieri l-ispejjeż diretti (bħal pereżempju dawk tal-istampar u tal-pubbliċità), l-ispejjeż marbuta mal-awtorizzazzjonijiet, iżda li jaqgħu taħt dipartimenti oħra tal-Westminster City Council li ma humiex id-dipartiment tal-liċenzji (bħal pereżempju r-riżorsi umani u d-dipartiment legali) u l-ispejjeż tal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni.

88. Madankollu, fit-tweġiba bil-miktub tiegħu għall-mistoqsija li saret lilu mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Westminster City Council ma spjegax kif jasal mill-ammont totali tal-baġit iddedikat għall-iskema ta' awtorizzazzjoni ta' sex-shops għat-tariffi ta' GBP 2 667 u GBP 26 435 mitluba mingħand l-applikant għall-għoti jew għat-tiġdid ta' liċenzja għall-operat ta' sex-shops.

89. Waqt is-seduta, il-Westminster City Council ma setax jiġġustifika l-fatt li t-tariffa inkwistjoni baqgħet ma nbidlitx matul il-perijodu kkonċernat mingħajr ma ttieħdu inkunsiderazzjoni, kif jidher, sensiela ta' elementi, bħal pereżempju, id-dħul totali riżultanti mit-tariffi kif ukoll id-defiċit jew il-profitt fir-rigward tal-ispiża reali tal-ġestjoni u tal-infurzar tas-sistema ta' awtorizzazzjoni li, skont il-Westminster City Council, kienet tvarja madankollu minn sena għall-oħra. Il-Westminster City Council lanqas ma jidher li ħa inkunsiderazzjoni d-dħul mill-multi u sanzjonijiet finanzjarji oħra imposti fuq il-persuni li joperaw sex-shops li għandhom jew ma għandhomx awtorizzazzjoni [38].

90. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni parti tat-tariffa inkwistjoni f'din il-kawża ma hijiex, fl-opinjoni tiegħi, spiża "raġonevoli".

36 — Ara s-sentenza tal-24 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-400/08, EU:C:2011:172, punt 129). Enfasi magħmula minni.

37 — Peress li din il-kawża ġejja mir-Renju Unit, nirreferi f'dan ir-rigward għall-famuż tentattiv ta' Lord Greene li jiddefinixxi t-terminu "raġonevoli" fid-dritt amministrattiv (sentenza *Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corporation* [1948] 1 KB 223, p. 229).

38 — L-Anness 3, paragrafu 22(1) tal-Liġi tal-1982 jipprevedi multi li jitilgħu sa GBP 20 000.

91. Għal dawn ir-raġunijiet, mingħajr ħsara għal analiżi iktar fil-fond li tista' tagħmel il-qorti tar-rinviju, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda li l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi għandu jkun interpretat fis-sens li jipprojbixxi lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru milli tieħu inkunsiderazzjoni, waqt il-kalkolu tat-tariffa dovuta għall-għoti jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, l-ispejjeż tal-ġestjoni u tal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni, anki jekk il-parti korrispondenti għal dawn l-ispejjeż hija rimborsabbli fil-każ li l-applikazzjoni għall-għoti jew għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni inkwistjoni tiġi miċħuda.

C – *Fuq it-tieni domanda preliminari*

92. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tiddependix fuq ċirkustanzi oħra, bħall-possibbiltà li l-parti tat-tariffa korrispondenti għall-ispejjeż tal-ġestjoni u tal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni timplikax spejjeż jew telf għall-applikanti għall-awtorizzazzjoni, l-ammont ta' din il-parti u l-perijodu li matulu hija tibqa' valida kif ukoll it-tnaqqis tal-ispiża għall-amministrazzjoni tal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti li jirriżulta mill-ħlas minn qabel tal-imsemmija parti tat-tariffa.

93. Fid-dawl tar-risposta tiegħi għall-ewwel domanda, ma huwiex neċessarju li nirrispondi għat-tieni domanda, peress li jirriżulta b'mod ċar li l-idea stess li tiġi imposta fuq l-applikanti għal awtorizzazzjoni tariffa li parti minnha tikkorrispondi għall-ispejjeż tal-ġestjoni u tal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni hija spiża li tmur kontra l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi.

VI – **Konklużjoni**

94. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi preliminari mressqa mis-Supreme Court of the United Kingdom (qorti suprema tar-Renju Unit) b'dan il-mod:

L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern, għandu jkun interpretat fis-sens li jipprojbixxi lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru milli tieħu inkunsiderazzjoni, waqt il-kalkolu tat-tariffa dovuta għall-għoti jew għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, l-ispejjeż tal-ġestjoni u tal-infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni, anki jekk il-parti korrispondenti għal dawn l-ispejjeż hija rimborsabbli fil-każ li l-applikazzjoni għall-għoti jew għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni inkwistjoni tiġi miċħuda.